*Ritassa;*
*Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Lulju, 2017**

**Numru 8**

**Rikors Numru 417/10TA**

**Mary sive Miriam Bugeja**

**vs**

**Direttur, Qrati Civili u Tribunali u**
**Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti Mary sive Miriam Bugeja prezentat fis-26 ta' April, 2010 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> "Illi qabel xejn l-esponenti tippremetti illi dan ir-rikors qieghed isir minghajr pregudizzju ghad-dritt illi hija nghatat tal-ghajnuna legali;
>
> Illi permezz ta' sentenza moghtija fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) din l-Onorabbli Qorti ddecidiet l-appell nru. 93/01 fl-ismijiet 'Mary sive Miriam Bugeja vs Joseph Bugeja';
>
> Illi sussegwentement gew ntaxxati l-ispejjez gudizzjarji kif riflessi fit-taxxa li giet rilaxxata fid-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u li kopja taghha li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "A";

Illi l-esponenti tixtieq permezz tal-prezenti procedura tatakka din it-taxxa u dan ghad-diversi ragunijiet li gejjin;

Illi fl-ewwel lok l-esponenti trid spjegazzjoni ghaliex l-ispejjez gudizzjarji tal-ewwel qorti li kienet il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja ma gewx intaxxati u likwidati mir-Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex meta in prattika dan huwa dak li dejjem sehh sa issa meta kawza tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex);

Illi fit-tieni lok id-dritt tal-avukat ghal kull rikors li sar fl-atti ta' din il-kawza, nkluz dawk li saru quddiem l-ewwel qorti, gew intaxxati erbgha u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (34.94)-il wiehed, meta normalment dritt ta' rikors, specjalment meta jkun sar quddiem l-ewwel qorti normalment jigi ntaxxat tlettax-il Ewro u tmienja u disghin centezmu (13.98) u partikolarment meta hawn si tratta kawza fis-sezzjoni tal-familja;

Illi fit-tielet lok l-esponenti qed tattakka din it-taxxa minhabba l-intaxxar tad-dritt avukat tal-konvenut fir-rigward tas-sentenza moghtija ghall-kontro-talba mressqa minnu, liema dritt gie likwidat ghal erbat elef mija u sebgha u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€4,157.23);

Illi fil-kawza odjerna l-konvenut Joseph Bugeja kien ipprezenta kontro-talba flimkien man-nota ta' eccezzjonijiet tieghu u fit-taxxa in kwistjoni l-avukat tal-konvenut inghata dritt ta' €4,157.23 ghas-sentenza fir-rigward ta' dina l-kontro-talba;

Illi l-esponenti qed toggezzjoni bil-qawwa ghal dan ghar-ragunijiet segwenti:-

(i) l-avukat tal-esponenti u cioe tal-attrici ma nghata l-ebda dritt ghas-sentenza moghtija fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut;

(ii) id-dritt innifsu u cioe l-ammont ta' €4,157.23 huwa fl-opinjoni tal-esponenti gonfjat u esagerat u dan peress illi meta mqabbel mad-dritt tal-avukati ghas-sentenza fuq it-talbiet originali u cioe mal-ammont ta' €1,036.57 johrog bic-car illi d-dritt ghall-kontro-talba huwa kwazi erba (4) darbiet aktar mid-dritt ghac-citazzjoni originali;

(iii) illi in oltre` r-Registratur intaxxa doppjament it-talba ghal likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet meta fil-fatt il-komunjoni tal-akkwisti giet likwidata darba biss. Illi f'sentenza ricenti fl-ismijiet 'Violet Camilleri vs Registratur tal-Qorti (Ghawdex)' illi gie deciz fid-29 ta' Jannar 2010, fejn gie diskuss proprju dan il-punt, il-Qorti gustament irriteniet illi:-

> "*Ghal din il-Qorti m'ghandux ikun li d-dritt tal-avukat jigi ntaxxat darbtjen ad valorem ghal ezercizzju li ser isir* ***darba biss u li dwaru tinghat decizjoni wahda, u iktar u iktar meta bbazat fuq talbiet identici****. Ghalkemm, l-avukat Mompalao argumenta li jekk*

> *saru talbiet identici, il-parti li ghamlithom ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez, dan ma jiggustifikax li l-onorarju tal-avukat jigi ntaxxat darbtejn ad valorem ghall-istess haga u fl-istess process*."

> Ghaldaqstant l-esponenti titlob bil-qima lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna r-ritassa tad-dritt tal-avukat fil-kawza fl-ismijiet 'Mary sive Miriam Bugeja vs Joseph Bugeja' (Cit Nru. 93/01) kif deciza minn din l-Onorabbli Qorti fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u dan ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana illi d-dritt ghar-rikors jigi ntaxxat bl-ammont ta' €13.98 kull wiehed u d-dritt tal-avukat tal-konvenut ghall-kontro-talba jigi mnehhi jew mnaqqas."

Rat ir-risposti tal-konvenuti rispettivament presentati, dik tar-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex fil-10 ta' Gunju 2010 u dik tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali fl-14 ta' Gunju 2011 li permezz taghhom wiegbu s-segwenti:-

Kwantu ghar-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex irrisponda:-

> "Illi kif ir-rikorrenti ppremettiet hi stess fir-rikors taghha u anke talbet spjegazzjoni fir-rigward, it-taxxa li qieghda timpunja ma' giet rilaxxata mill-esponenti.

> Illi ghaldaqstant huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrrenti.

> Ghaldaqstant, l-esponenti bil-qima jitlob illi jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tar-rikorrenti."

Kwantu ghad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali rrisponda:-

"1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija monka u nulla fil-konfront tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali stante illi l-azzjoni giet intavolata kontra entita` ossia r-Registratur tal-Qorti li ma huwiex aktar kkontemplat fil-Ligi u ghalhekk id-Direttur Qrati Civili u Tirunali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-Gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa kif redatta inhadmet b'mod korrett u il-kaz gie korrettament evalwat abbazi tal-massa litigjuza formanti parti tal-awza li dwarha finalment harget it-taxxa, izda f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja tali tassazzjoni, l-esponent m'ghandux isofri spejjez ta' tali azzjoni u korrezzjoni.

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Lulju 2017, fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**<u>Il-fatti tal-kawza</u>**

**1.** Fuq il-fatti ma tantx hemm xi tghid. L-attrici ma hiex taqbel mal-mod kif gew intaxxati, fost ohrajn id-drittijiet tal-avukat tal-kontro-parti skont taxxa rilaxxjata fid-19 ta' Frar 2010 (dok A a fol 4).

**<u>Punt ta' ligi</u>**

**2.** Anke fuq dan il-punt ma tant hemm xi tghid. It-talba tal-attrici hija bbazata fuq azzjoni li tohrog minn artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**3.** Ghal kull bon fini dan l-artikolu qieghed jigi riprodott fl-interita` tieghu ghax l-ezitu ta' din il-kawza minkejja li ilha kwazi ben sebgha snin

pendenti, tiddependi mill-applikazzjoni ta' dan l-artikolu aktar milli fuq xi xorta ta' komputazzjonijiet jew kalkoli.

L-artikolu inkwistjoni jiddisponi dan li gej:

> "**64**. (1) L-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar. Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors li ghandu jigi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iz-zmien, ghal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjez, jibda jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-taxxa, u ghad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att gudizzjarju, mill-gurnata ta' dik in-notifika.
>
> (2) Ir-rikorrent ghandu jara li kopja tar-rikors ghandha tigi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbaghad ikollu ghoxrin jum li matulhom ikun jista' jipprezenta risposta.
>
> (3) Il-proceduri bil-miktub li ghandhom x'jaqsmu mar-rikors ghandhom jitqiesu maghluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jaghlaq iz-zmien moghti ghaliha. Il-partijiet ghandhom jigu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors."

**Konsiderazzjonijiet**

**4.** Mill-atti tal-kawza jirrizulta li t-taxxa li qed tkun attakkata intalbet mill-attrici, attrici ukoll fil-kawza l-ohra mertu tat-taxxa inkwistjoni.

**5.** Jirrizulta b'mod li qatt ma kien kontestat li din it-taxxa inhadmet fit-8 ta' Frar 2010 u giet rilaxxata, u kwindi kienet f'idejn l-attrici fid-19 ta' Frar 2010.

**6.** Jirrizulta wkoll illi r-rikors odjern gie intavolat fis-26 ta' April 2010 cioe` kwazi ben xahrejn minn meta giet rilaxxata t-taxxa inkwistjoni. L-artikolu su citat jaghmilha cara li dan kellu jkun prezentat mhux aktar tard minn xahar, ghal min jitlob it-taxxa, mid-data minn meta tali taxxa tigi

rilaxxata. (Ara sentenza moghtija mill-**Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Mejju, 2013 per Imhallef Gino Camilleri** fl-ismijiet **Dr. Tonio Azzopardi -vs- Direttur Qrati Civili et**).

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi **tichad** it-talba fid-dawl li r-rikors odjern ma giex prezentat fiz-zmien perentorjament rikjest mil-ligi u cioe` artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjes tar-rikors jibqghu bla taxxa.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**